



Dokument ta' sessjoni

A8-0061/2017

9.3.2017

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 (COM(2016)0400 – C8-0223/2016 – 2016/0186(COD))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Santiago Fisas Aixelà

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
PROCĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	14
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	15

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033
(COM(2016)0400 – C8-0223/2016 – 2016/0186(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0400),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 167(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0223/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 81 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-17 ta' Novembru 2016¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0061/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Id-Deċiżjoni Nru 445/2014.UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ għandha l-għan li ***tipproteġi*** u tippromwovi d-

Emenda

(1) Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ għandha l-għan li ***tissalvagwardja*** u tippromwovi l-

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

diversità tal-kulturi li jeżistu fl-Ewropa u li **tenfasizza l-karatteristiki** komuni ta' bejniethom filwaqt li tħeġġeġ is-sens taċ-ċittadini li jħossu li jiffurmaw parti minn żona kulturali komuni. Dik id-Deċiżjoni għandha wkoll l-għan li trawwem il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp **fit-tul** tal-bliet skont l-istrateġiji u l-prijoritajiet rispettivi tagħhom.

għana u d-diversità tal-kulturi li jeżistu fl-Ewropa u li **tissottolinja l-karatteristiċi** komuni ta' bejniethom, filwaqt li tħeġġeġ is-sens taċ-ċittadini li jħossu li jiffurmaw parti minn żona kulturali komuni. Dik id-Deċiżjoni għandha wkoll l-għan **kemm li tħeġġeġ il-fehim reċiproku u d-djalogu interkulturali kif ukoll li tagħti prominenza lill-wirt kulturali komuni kif previst fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dik id-Deċiżjoni għandha wkoll l-għan** li trawwem il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp **intelliġenti, sostenibbli u inklużiv** tal-bliet **u ż-żoni madwarhom** skont l-istrateġiji u l-prijoritajiet **fit-tul** rispettivi tagħhom.

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5. 2014, p. 1).

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5. 2014, p. 1).

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) L-azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura tenfasizza l-għana u d-diversità tal-kulturi Ewropej u l-karatteristiċi li daww il-kulturi jikkondividu filwaqt li tippromwovi fehim reċiproku mtejjeb u sens aħjar ta' appartenenza fost iċ-ċittadini Ewropej. L-azzjoni għandha impatt pożittiv f'termini kulturali, filwaqt li tagħti spinta lit-turiżmu u tkattar l-iżvilupp tal-bliet madwar l-Ewropa.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Il-promozzjoni tal-kultura hija prijorità għall-Unjoni, minħabba li hija essenzjali għall-iżvilupp tal-bniedem, integrazzjoni politika iktar b'saħħitha u żieda fid-dħul totali.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura jikkontribwixxu b'mod deċiżiv biex jipromwovu l-valuri tal-UE.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1d) Għandu jiġi rikonoxxut in-Netwerk ta' Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jinkludi l-bliet li kellhom it-titlu mill-inqas darba, sabiex tittiejjeb l-esperjenza miksuba mill-iskema tal-kapitali kulturali.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE jistipula li jkollhom aċċess

(2) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE jistipula li jkollhom

għall-azzjoni tal-Unjoni "Kapitali Ewropea tal-Kultura" biss il-bliet tal-Istati Membri, ta' pajjiżi kandidati u ta' pajjiżi kandidati potenzjali, jew bliet ta' pajjiżi li jidħlu fl-Unjoni fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 3(5) ta' dik id-Deċiżjoni.

aċċess għall-azzjoni tal-Unjoni "Kapitali Ewropea tal-Kultura" biss il-bliet tal-Istati Membri, ta' pajjiżi kandidati u ta' pajjiżi kandidati potenzjali, jew bliet ta' pajjiżi li jidħlu fl-Unjoni fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 3(5) ta' dik id-Deċiżjoni. **Novi Sad (is-Serbja), Timișoara (ir-Rumanija) u Elefsina (il-Greċja) se jkunu l-Kapitali Ewropej tal-Kultura fl-2021.**

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun miftuħa wkoll, bl-istess kundizzjonijiet, għall-bliet ta' pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("pajjiżi tal-EFTA/EEA") biex jissaħħu r-rabtiet kulturali bejn daww il-pajjiżi u l-Unjoni Ewropea, bi qbil mal-Artikolu 81 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Emenda

(3) L-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun miftuħa wkoll, bl-istess kundizzjonijiet, għall-bliet ta' pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("pajjiżi tal-EFTA/ŻEE") biex jissaħħu r-rabtiet kulturali bejn daww il-pajjiżi u l-Unjoni Ewropea, bi qbil mal-Artikolu **167(3) TFUE u l-Artikolu 81** tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Madankollu, matul il-perjodu kopert ***b'din id-Deċiżjoni***, jiġifieri mill-2020 sal-2033, għal raġunijiet ta' ekwità mal-bliet ***fl-Istati Membri***, il-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE għandhom jitħallew jikkompetu għat-titlu f'kompetizzjoni waħda biss. Bl-istess mod, kull pajjiż tal-EFTA/ŻEE għandu jingħata t-titlu darba biss tul dak il-perjodu.

Emenda

(4) Madankollu, matul il-perjodu kopert ***bid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE***, jiġifieri mill-2020 sal-2033, għal raġunijiet ta' ekwità mal-bliet ***li jipparteċipaw fl-azzjoni***, il-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE għandhom jitħallew jikkompetu għat-titlu f'kompetizzjoni waħda biss. Bl-istess mod, kull pajjiż tal-EFTA/ŻEE għandu jingħata t-titlu darba biss tul dak il-perjodu ***bħalma hu l-każ diġà għall-pajjiżi kandidati jew il-kandidati potenzjali bi qbil mad-***

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) ***Il-Kapitali*** Ewropea tal-Kultura għandha tiġi ospitata minn pajjiż kandidat, pajjiż kandidat potenzjali jew pajjiż tal-EFTA/ŻEE fl-2028 minflok fl-2027, biex dawn il-pajjiżi jkunu jistgħu jinneogzjaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm tal-Unjoni li jappoġġa l-kultura li jkun se jsir wara ***l-Ewropa*** Kreattiva tal-perjodu 2021 sa 2027, ***qabel ma tiġi ppubblikata s-sejħa rilevanti għall-applikazzjonijiet mhux aktar tard minn sitt snin qabel is-sena tat-titlu.***

Emenda

(5) ***Peress li s-sejħiet għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati mhux aktar tard minn sitt snin qabel is-sena tat-titlu, il-Kapitali*** Ewropea tal-Kultura għandha tiġi ospitata minn pajjiż kandidat, pajjiż kandidat potenzjali jew pajjiż tal-EFTA/ŻEE fl-2028 minflok fl-2027, biex dawn il-pajjiżi jkunu jistgħu jinneogzjaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm tal-Unjoni li jappoġġa l-kultura li jkun se jsir wara ***l-Programm Ewropa*** Kreattiva tal-perjodu 2021 sa 2027.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a Deċiżjoni Nru 445/2014/UE Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

It-titlu għandu jingħata kull sena lil mhux iktar minn belt waħda f'kull wieħed miż-żewġ Stati Membri li jidhru fil-kalendarju li jinsab fl-Anness (“il-kalendarju”) u, fis-snin rilevanti, lil belt waħda f'pajjiż kandidat ***jew*** f'pajjiż kandidat potenzjali, jew lil belt waħda f'pajjiż li jaderixxi mal-Unjoni fiċ-ċirkostanzi li jinsabu fil-paragrafu 5.;

Emenda

It-titlu għandu jingħata kull sena lil mhux iktar minn belt waħda f'kull wieħed miż-żewġ Stati Membri li jidhru fil-kalendarju li jinsab fl-Anness (“il-kalendarju”) u, fis-snin rilevanti, lil belt waħda minn pajjiż EFTA/ŻEE, f'pajjiż kandidat potenzjali jew lil belt waħda f'pajjiż li jaderixxi mal-Unjoni fiċ-ċirkostanzi li jinsabu fil-paragrafu 5.;

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Deċiżjoni 445/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-bliet fil-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali li jipparteċipaw fil-Programm Ewropa Kreattiva jew fil-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura fid-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2) jistgħu japplikaw għat-titlu għal sena waħda fil-qafas ta' kompetizzjoni miftuħa organizzata **kull tielet sena** skont il-kalendarju.

Emenda

Il-bliet fil-pajjiżi EFTA/ŻEE u f'pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali li jipparteċipaw fil-Programm Ewropa Kreattiva jew fil-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura fid-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2) jistgħu japplikaw għat-titlu għal sena waħda fil-qafas ta' kompetizzjoni miftuħa organizzata skont il-kalendarju.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Deċiżjoni Nru 445/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-bliet fil-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw biss f'kompetizzjoni waħda matul il-perjodu mill-2020 sal-2033.

Emenda

Il-bliet fil-pajjiżi EFTA/ŻEE, fil-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw biss f'kompetizzjoni waħda matul il-perjodu mill-2020 sal-2033. ***B'konsegwenza ta' dan, kull pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali għandu jkun jista' jospita t-titlu darba biss matul il-perjodu mill-2020 sal-2033.***

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Deċiżjoni Nru 445/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Kull pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali għandu jkun jista' jospita t-titlu darba biss matul il-perjodu mill-2020 sal-

Emenda

imħassar

2033.;

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Deċiżjoni 445/2014/UE

Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

L-għażla minn qabel u l-għażla fpajjiżi tal-EFTA/ŻEE, fpajjiżi kandidati ***jew*** fpajjiżi kandidati potenzjali;

Emenda

L-għażla minn qabel u l-għażla fpajjiżi tal-EFTA/ŻEE, fpajjiżi kandidati ***u*** fpajjiżi kandidati potenzjali;

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Deċiżjoni Nru 445/2014/UE

Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istat Membru ***jew*** il-pajjiż tal-EFTA/ŻEE, ***jew*** il-pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali kkonċernat jista' jinnomina osservatur biex jattendi dawk il-laqgħat.

Emenda

L-Istat Membru, il-pajjiż tal-EFTA/ŻEE, il-pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali kkonċernat jista' jinnomina osservatur biex jattendi dawk il-laqgħat.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b

Deċiżjoni 445/2014/UE

Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-bord għandu jibgħat ir-rapporti ta' monitoraġġ lill-Kummissjoni, ***kif ukoll*** lill-bliet nominati u ***lill-Istat Membru jew*** lill-pajjiż tal-EFTA/ŻEE ***jew lill-pajjiż kandidat*** jew ***lill-pajjiż kandidat*** potenzjali ***kkonċernat***.

Emenda

Il-bord għandu jibgħat ir-rapporti ta' monitoraġġ lill-Kummissjoni, lill-bliet nominati u ***lill-Istati Membri tagħhom, kif ukoll*** lill-pajjiż tal-EFTA/ŻEE, ***lill-pajjiżi kandidati*** jew ***lill-pajjiżi kandidati*** potenzjali ***kkonċernati***.

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 445/2014/UE

Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 16a

In-Netwerk ta' Kapitali Ewropej tal-Kultura

Għandu jiġi rikonoxxut in-Netwerk ta' Kapitali Ewropej tal-Kultura, iffurmat minn bliet li kellhom it-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura f'mill-inqas okkażjoni waħda. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet interessati kollha rilevanti, tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16b rigward ir-regolamentazzjoni NECC."

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

Deċiżjoni Nru 445/2014/UE

Artikolu 16b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

'Artikolu 16b

L-eżerċizzju tad-delega

- 1. Is-setgħa ta' adożżjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***
- 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 16a għal perjodu mhux limitat***

taż-żmien li jibda mid-[data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 16a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti magħżula minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat li ġie adottat skont l-Artikolu 16a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun esprimew xi oġġezzjoni f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-istabbiliment ta' azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033
Referenzi	COM(2016)0400 – C8-0223/2016 – 2016/0186(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	17.6.2016
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 22.6.2016
Committees asked for opinions Data tat-thabbir fis-seduta plenarja	AFET 22.6.2016
Not delivering opinions Data tad-deċiżjoni	AFET 12.7.2016
Rapporteurs Data tal-ħatra	Santiago Fisas Ayxelà 8.9.2016
Data tal-adozzjoni	28.2.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Andrew Lewer, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Stefano Maullu, Luigi Morgano, Momchil Nekov, John Procter, Michaela Šojdrová, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Algirdas Saudargas, Remo Sernagiotto
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Cătălin Sorin Ivan, Clare Moody
Data tat-tressiq	9.3.2017

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

29	+
ALDE	Mircea Diaconu, María Teresa Giménez Barbat, Morten Løkkegaard
ECR	Andrew Lewer, Emma McClarkin, John Procter, Remo Sernagiotto
EFDD/NGL	Isabella Adinolfi
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Curzio Maltese
PPE	Andrea Bocskor, Svetoslav Hristov Malinov, Stefano Maullu, Algirdas Saudargas, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Michaela Šojdová
S&D	Silvia Costa, Giorgos Grammatikakis, Cătălin Sorin Ivan, Petra Kammerevert, Clare Moody, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Krystyna Lybacka
Verts/ALE	Jill Evans, Helga Trüpel

1	-
ENF	Dominique Bilde

0	0
---	---

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni